Nru. 18,252
Prezz/Price
€0.19 (Lm0.08)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

L-Erbgħa, 21 ta' Mejju, 2008
Wednesday, 21st May, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 410

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

IL-KUMMISSJONI Elettorali tgħarraf illi l-kandidat elett bħala Kunsillier fl-elezzjoni każwali li saret nhar it-Tlieta, l-20 ta' Mejju, 2008 għall-Kunsill Lokali ta' Attard biex jimtela l-post li tbattal mis-Sur Charlo Bonnici hija dik li isimha jidher hawn taħt:–

GAUCI BALUCI LUISA MARIA

E.R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Valletta.

Il-21 ta' Mejju, 2008

Nru. 411

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

IL-KUMMISSJONI Elettorali tgħarraf illi l-kandidat elett bħala Kunsillier fl-elezzjoni każwali li saret nhar it-Tlieta, l-20 ta' Mejju, 2008 għall-Kunsill Lokali ta' Ħamrun biex jimtela l-post li tbattal mis-Sur Luciano Busuttil huwa dak li ismu jidher hawn taħt:–

ELLUL ARTHUR

E.R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Valletta.

Il-21 ta' Mejju, 2008

GOVERNMENT NOTICES

No. 410

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

THE Electoral Commission notifies that the candidate elected as Councillor in the casual election held on Tuesday, 20th May, 2008 for the Local Council of Attard to fill the post vacated by Mr Charlo Bonnici is that whose name is shown hereunder:–

GAUCI BALUCI LUISA MARIA

E.R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

21st May, 2008

No. 411

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

THE Electoral Commission notifies that the candidate elected as Councillor in the casual election held on Tuesday, 20th May, 2008 for the Local Council of Ħamrun to fill the post vacated by Mr Luciano Busuttil is that whose name is shown hereunder:–

ELLUL ARTHUR

E.R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

21st May, 2008

Nru. 412

MINISTERU GĦALL-RIŻORSI U AFFARIJIET RURALI

Rikonoxximent ta' l-Għaqda ta' Produtturi

NGĦARRFU b'din in-nota għall-informazzjoni ta' kulħadd illi fis-26 ta' Frar, 2008 id-Direttur ta' l-Agrikoltura, skond id-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 12.2 ta' l-Att IX ta' l-2002 irrikonoxxa "Koperattiva Produtturi tat-Tadam ta' Malta Ltd" bħala Għaqda tal-Produtturi bl-indirizz uffiċjali:

'Sterilitzia',
Triq il-Kbira,
Żebbuġ Malta

Dan il-*Group* ta' Produtturi ġie rreġistrat fir-Reġistru Nazzjonali ta' l-Għaqdiet tal-Produtturi fil-kategorija:

"(iv) Tadam għall-ipproċċessar" skond ir-Regolament 3(a) tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar l-Għaqdiet tal-Produtturi fl- Oqsma tal-Ħaxix u Frott (Avviż Legali Nru. 63 ta' l-2004).

Il-21 ta' Mejju, 2008

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 30 ta' l-2008

Ħruq ta' Murtali mill-Ponta ta' Bighi, il-Port il-Kbir

Se jinħarqu murtali mill-Ponta ta' Bighi fid-dati u l-ħinijiet li ġejjin:

Nhar it-Tlieta s-27 ta' Mejju 2008 bejn is-7.00 p.m. u l-11.00 p.m.
Nhar l-Erbgħa t-28 ta' Mejju 2008 bejn it-8.00 p.m. u nofsillejl

Għal dir-raġuni, ngħarrfu 'l-baħħara biex iżommu 200 metru 'l bogħod mill-Ponta ta' Bighi fid-dati u l-ħinijiet imsemmija tal-logħob tan-nar.

Il-baħħara għandhom jobdu d-direttivi li jinħarġu mill-Valletta Port Control (VTS), u l-Pulizija fl-inħawi.

Chart affettwata: BA 177.

Il-21 ta' Mejju, 2008

No. 412

MINISTRY FOR RESOURCES AND RURAL AFFAIRS

Recognition of Producers' Group

IT is hereby noted for the general information that on the 26th February 2008, in accordance with Article12.2 Act IX of 2002, the Director of Agriculture has recognised "Koperattiva Produtturi tat-Tadam ta' Malta Ltd" as a Producer Group with the following official address:

'Sterilitzia',
Triq il-Kbira,
Żebbuġ Malta

The Producer Group was registered in the National Register of Producer Organisations within category:

"(iv) Tomatoes for Processing" in accordance with Regulation 3(a) of the Fruit and Vegetables Producer Organisations Regulations, 2004 (Legal Notice of 63 of 2004).

21st May, 2008

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 30 of 2008

Fireworks Displays from Bighi Point, Grand Harbour

Fireworks will be let off from Bighi Point at Bighi on the dates and times as follows:

Tuesday 27th May 2008 between 7.00 p.m. and 11.00 p.m.
Wednesday 28th May 2008 between 8.00 p.m. and midnight

In view of the above, mariners are informed to give a wide berth of 200 metres from Bighi Point on the above-mentioned dates and times of the displays.

Mariners are to obey directives issued by the Valletta Port Control (VTS), and by Police in the area.

Chart affected: BA 177.

21st May, 2008

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

811

Ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fis-7 ta' Mejju 2008 minn Paul Azzopardi, liema rikors iġib in-numru 272/2008, fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur tiegħu u ta' ħuh Lawrence Azzopardi u dan fi kwoti indaqs bejniethom is-SUĊĊESSJONI ta' missieru GIUSEPPE AZZOPARDI, armel minn Mary neé Caruana, iben il-mejtin Paolo u Paola neé Vella, imwieled Rabat, Malta, kien joqgħod is-Siġġiewi u miet Tal-Qroqq limiti ta' l-Imsida ta' 82 sena u li kellu karta ta' l-identità nru 296625 (M) u li miet bla testment u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et.seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 20 ta' Mejju, 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of an application, filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction) on the 7 th May 2008, by Paul Azzopardi, which application bears number 272/2008, wherein he asked that it be declared open in his favour and his brother Lawrence Azzopardi and this in equal shares between them the SUCCESSION of his father GIUSEPPE AZZOPARDI, widow of Mary neé Caruana, son of the deceased Paolo and Paola neé Vella, born in Rabat, Malta who lived at Siġġiewi and died at Tal-Qroqq, limits of Msida at 82 years of age and who had identity card number 296625 (M) and who died intestate and therefore the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whosoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 20th May, 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

812

Ikun magħruf illi b'rikors, ippreżentat, fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fit-8 ta' Mejju 2008, minn Rosaria mart Carmel Harmsworth, Josephine mart George Abela, Carmela mart Mario Axiaq u Rita mart David Azzopardi, aħwa Camilleri, liema rikors iġib in-numru 276/2008, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħhom fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż kull waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta'ommhom JOSEPHINE CAMILLERI, mart Joseph Camilleri, bint il-mejtin Carmelo Catania u Giuseppa neé Meilaq, imwielda u kienet toqgħod Ħamrun u mietet Luqa, fit-13 ta' Frar 1993 ta' 70 sena bla testment u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 20 ta' Mejju, 2008.

AVV. DOTT.FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of an application, filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction) on the 8th May 2008, by Rosaria wife of Carmel Harmsworth, Josephine wife of Gorge Abela, Carmel wife of Mario Axiaq and Rita wife of David Azzopardi, brothers Camilleri, which application bears number 276/2008 wherein they asked that it be declared in their favour as to one-fourth (1/4) undivided share each the SUCCESSION of their mother JOSEPHINE CAMILLERI, wife of Joseph Camilleri, daughter of the deceased Carmelo Catania and Giuseppa neé Meilaq, was born and resided at Ħamrun and died at Luqa on the 13th February 1993, at 70 years of age who died intestate and therefore the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whosoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 20th May, 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

813

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-2 ta' April 2008, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Liqourish Productions Limited (C-34938) ta' Flat 1, Vivie Flats, P P Mifsud Street, St Julians, ippreżentaw Talba fid-19 ta' Ġunju 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Fitness Factory Limited (C-35472) ta' Dean Hamlet Apart Hotel, Upper Ross Street, St Julians, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €2,748.66 (Lm1,180) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (506/07GM) hija differita għad-9 ta' Ġunju 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 20 ta' Mejju 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 2nd April 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Liqourish Productions Limited (C34938) of Flat 1, Vivie Flats, P P Mifsud Street, St Julians filed a Claim on the 19th June 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Fitness Factory Limited (C-35472) of Dean Hamlet Apart Hotel, Upper Ross Street, St Julians, to pay the plaintiff company the sum of €2,748.66 (Lm1,180) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 506/07GM) is put off on the 9th June 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 20th May 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

814

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-27 ta' Marzu 2008, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go plc (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba fit-8 ta' Jannar 2008, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Mark Edward Godfrey John Sant (ID 446185M) ta' 243E, Loyola, Flat 4, Triq it-Torri, Sliema, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €741.13 (Lm318.17) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (13/08RFA) hija differita għat-30 ta' Mejju 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 20 ta' Mejju 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 27th March 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go plc (C222334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 8th January 2008 whereby they asked the Tribunal to condemn Mark Edward Godfrey John Sant (ID446185M) of 243E, Loyola Flat 4, Triq it-Torri, Sliema, to pay the plaintiff company the sum of €741.13 (Lm318.17) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 13/08RFA) is put off on the 30th May 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 20th May 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bil-lira Maltija huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in Maltese lira are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*